MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Numru 57/2010

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**Sugeidy Margarita Novas Castillo**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-11 ta’ Novembru 2010 kontra Sugeidy Margarita Novas Castillo li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Sugeidy Margarita Novas Castillo talli (1) assoċjat ruħha ma’ xi persuna jew persuni oħra barra minn dawn il-Gżejjer sabiex tbiegħ jew tittraffika mediċina perikoluża f’dawn il-Gżejjer (heroina) kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi

(Kap. 101) jew ippromoviet, ikkostitwixxiet, organiżżat jew iffinanzjat l-assoċjazzjoni; (2) importat, ġegħlet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista’ tiġi mportata mediċina perikoluża (heroina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101); (3) kellha fil-pussess tagħha d-droga heroina kontra l-liġi, b’dan li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta’ Settembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati tas-27 ta’ Settembru 2011 li bih, b’seba’ (7) voti favur u b’żewġ (2) voti kontra, sabu lill-akkużata ħatja skond l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, u b’disa’ (9) voti favur u b’xejn (0) voti kontra sabu lill-akkużata ħatja skond it-Tieni Kap u b’seba’ (7) voti favur u b’żewġ (2) voti kontra sabu lill-akkużata ħatja skond it-Tielet Kap ta’ l-Att tal-

Akkuża, iddikjarat għalhekk lil Sugeidy Margarita Novas Castillo ħatja talli:-

1. fit-13 ta’ Lulju 2009 assoċjat ruħha ma’ xi persuna jew persuni oħra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex tbiegħ jew tittraffika mediċina perikoluża f’dawn il-Gżejjer (heroina) kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) jew ippromoviet, ikkostitwixxiet, organiżżat jew iffinanzjat l-assoċjazzjoni, u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża;

2. fit-13 ta’ Lulju 2009, importat, ġiegħlet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista’ tiġi importata mediċina perikoluża (heroina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u cioe` meta ma kellhiex liċenzja jew awtoriżżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta’ dak l-oġġett, u dan skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

3. fit-13 ta’ Lulju 2009 kellha fil-pussess tagħha d-droga heroina li għaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tas-sena 1939

(Kap.101) u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort’oħra awtoriżżata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kinitx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta u ma kinitx awtoriżżata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita` mogħtija mill-President ta’ Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess tagħha u dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b’dan li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha, u dan skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-Ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12,14,15, 15(A), 17(h), 20,22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4(a), 9 u 9(a) tar-Regolamenti ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17(h), 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali kkundannat lill-ħatja Sugeidy Margarita Novas Castillo għall-piena ta’ erbatax-il sena u sitt xhur priġunerija, b’dan li minn dan il-perjodu jrid jinqata’ kull żmien li hi għamlet taħt arrest preventiv BISS in konnessjoni ma’ dawn ir-reati kif ukoll ikkundannatha tħallas multa ta’ €35,000 liema multa għandha titħallas fi żmien xahrejn mid-data tas-sentenza appellata u li jekk tonqos li titħallas din il-multa fiż-żmien preskritt din għandha tinbidel f’sena priġunerija, u li tħallas ukoll is-somma ta’ elf u mitejn

euro u sebgħa u erbghin centezmi (€1200.47) import ta' l-ispejjeż peritali, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ordna li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien xahrejn mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli oħra tal-ħatja;

Finalment, ordnat li sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-analista Mario Mifsud u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Rekistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni ta' dik il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha

tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħatja. Dan wara li rat il-fedina penali aġġornata tal-ħatja esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża, u kkunsidrat is-segwenti:

> **"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Edward Gatt, li jinsabu kollha reġistrati w senjatament (imam mhux biss) is-segwenti:-**
>
> **"Il-ħatja hija esseri umana li ħadd ieħor għaraf juża għall-għanijiet tiegħu. Nies bħal ħatja jsibu ruħhom f'dan l-inkwiet għaliex ikunu vulnerabbli u jintużaw bis-sħiħ. Id-dealers tal-Ecuador huma dak li huma u jafu jużaw is-saħħa. Il-ħatja hija omm ta' żewġt itfal b'wild minnhom jitwieled fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Barra dan kollu l-purita' tal-eroina kienet ta' 19.7% biss li huwa persentaġġ tassew żgħir. Il-kondotta tal-akkużata hija nadifa u kellha biss wieħed u għoxrin sena meta seħħew dawn l-avvenimenti.**
>
> **"Il-Prosekuzzjoni wieġbet li d-droga tiddaħħal f'Malta propju b'dawn in-nies u għalhekk jinħtieġ li minkejja ċ-ċirkostanzi personali dak li jġib id-droga jieħu li ħaqqu. Il-verdett huwa wieħed qawwi u li f'Malta ma ssir ebda diskriminazzjoni bejn persuna u oħra, hi ta' liema nazzjonalita` hi, u ġejja minn kwalunkwe pajjiż meta l-Qorti tkun qed tamministra l-ġustizzja.**

**"Il-Qorti wiżnet sew dak li qal l-abbli avukat difensur dwar l-użu ta' nies vulnerabbli min-nies li jaraw il-flus u ma jħarsux lejn l-effetti. Iżda l-Qorti, hija u tikteb din is-sentenza ġabet quddiem għajnejha dawk iż-żgħażagħ li jibqgħu bl-effetti tad-droga għal żmien twil jew saħansitra jmutu. Dan il-Qorti ma tistax twarrbu jew tinsieħ. Il-fatt li l-ħatja kellha wild fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin bl-ebda mod ma jista' jkollu influwenza fuq s-sentenza.**

**"Il-Qorti qieset li l-ħatja kellha 21 sena meta twettaq ir-reat – eta` li bħalha qed tara ħafna drabi f'dawn il-każi. F'din l-eta` wieħed jitqies bħala maġġorenni mqar jekk ma jkollux dik l-esperjenza tal-ħajja li jkollha persuna ta' eta` akbar. Qieset ukoll il-kondotta nadifa tagħha u li l-purita` tad-droga kienet waħda mill-aktar baxxi meta mqabbla ma' każi oħra li dehru quddiem il-Qorti Kriminali.**

**"Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuża servew bħala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taħt it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża w għalhekk, għall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs Mansour Muftah Nagem" [31.10.2002], "Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag" [15.05.2003] u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Norman Bezzina [09.10.2010].**

**"Min-naħa l-oħra l-verdett kien wieħed qawwi b'saħansitra wieħed minnhom ikun unanimu – dak dwar it-tieni Kap. Barra minn dan l-akkużata la tista' tibbenefika minn ammissjoni bikrija u lanqas mill-artikolu 29 tal-Kap. 101."**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Sugeidy Margarita Novas Castillo ppreżentat fil-5 ta' Ottubru 2011 fejn talbet li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata; rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellanti għandha tliet aggravji: (1) li l-ġurati għamlu apprezzament żbaljat tal-provi; u (2) mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, jekk it-teżi tad-difiża ma tiġix akkolta, ma hemm l-ebda prova dwar l-akkuża ta' assoċjazzjoni; (3) mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ aggravji, il-piena kienet ħarxa wisq.

**6.** Dwar l-ewwel żewġ aggravji, li jirrikjedu apprezzament mill-ġdid tal-provi, l-appellanti tgħid hekk:

"(1) Illi peress li l-apprezzament kien wieħed manifestament żbaljat din l-Onorabbli Qorti għandha terġa' tissindika mill-ġdid il-provi prodotti u dan għaliex sal-grad tal-probabilita` li kollox kien jindika li l-esponenti ma kinitx taf bil-qiegħ falz tal-bagalja illi kellha u għalhekk konsegwentement ma kinitx taf illi kienet qed iġġorr droga llegali. Illi l-Pulizija ftit li xejn investigaw dan il-każ u l-unika persuna li fil-fatt kienet taf x'seħħ fl-Olanda kienet l-akkużata li baqgħet dejjem konsistenti fl-ispjega li hija tat kemm fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija eżatt wara l-arrest tagħha u kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda quddiem il-ġurati. Illi għalhekk isegwi li għalkemm l-element materjali tat-tliet Kapi t'Akkuża rriżultaw, l-element tax-xjenza kien għal kollox nieqes u għalhekk l-appellanti kellha tiġi għal kollox meħlusa mill-akkużi dedotti kontra tagħha. Illi huwa ċar illi fl-eżerċizzju tagħhom il-ġurati ma fehmux illi d-difiża għandha tipprova l-każ tagħha salo-livell ta' probabilita` u dan peress illi *"on a balance of probabilities"* id-difiża tal-appellanti kienet waħda kredibbli għall-aħħar ta' persuna illi sfat ingannata minn min kellu nteressi oħra u cioe` dik li jdaħħal droga f'Malta meta l-esponenti dejjem emmnet li hija kienet ġejja Malta għal skopijiet ta' prostituzzjoni. Illi min għandu jiġġudika irid jipprova metaforikament jidħol f'moħħ l-akkużata sabiex jara x'fehmet hi meta ġiet mibghuta hawn Malta. Illi kolox jindika konsistenza li l-appellanti kif ingħad fehmet illi hija kienet ġejja hawn Malta għal ġimagħtejn ġo Lukanda biex taqla' flus mill-prosetituzzjoni. Illi għalhekk biex issir ġustizzja mal-appellanti hija għandha tiġi lliberata mit-tliet Kapi t'Akkuża.

"(2) Illi l-uniku prova dibattibbli biex tirnexxi din l-akkuża hija li xi ħadd għamel pakkeġġjar professjonali tad-droga fil-qiegħ falz tal-bagalja. Illi wieħed għalhekk jista' jislet inferenza li l-akkużata kienet assoċjata ma' persuni oħra, iżda din il-konklużjoni hija biss inferenza u ċertament li weħidha ma tissodisfax l-elementi rikjesti biex tiġi ppruvata l-akkuża tal-assoċjazzjoni kif stabbiliti mill-ġurisprudenza tagħna. Illi fuq livell akkademiku għalhekk hwa ndiskutivvli li l-ewwel kap ta' akkuża ma ġiex ippruvat u għalhekk din il-Qorti għandha tillibera lill-imputata minn dan il-kap ta' akkuża. Illi jsegwi għalhekk li kemm-il darba l-esponenti tkun illiberata minn dan il-kap, allura għandu jkun hemm temperament fil-piena b'mod illi l-piena nflitta tiġi ridotta konsiderevolment."

**7.** Kif ingħad, dawn l-aggravji jirrikjedu apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati, setgħux legalment u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu

għaliha.[1] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) Jibda biex jingħad illi ma kien hemm l-ebda aggravju dwar l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri. Inoltre, m'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu illi jivvalutaw il-provi kollha miġjuba.

(ii) Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngħab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija.

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

(iii) Il-kwistjoni kienet prinċipalment waħda ta’ kredibilita`, u cioe` jekk kinitx titwemmen il-verżjoni ta’ l-appellanti li hija ma kienet taf xejn dwar il-kontenut fil-qiegħ falz tal-bagalja.

(iv) Huwa inkontestat li fit-13 ta’ Lulju 2009 l-appellanti waslet Malta fuq titjira KM421 minn Brussel u li fil-bagalja tagħha kien hemm qiegħ falz li minnu ġew elevati żewġ pakketti, wieħed li kien jikkontjeni 995.4 grammi eroina u ieħor 3011 pillola tal-kaffeina. Il-purita` ta’ l-eroina kienet waħda baxxa ħafna, u cioe` 19.7%. Ciononostante, skond l-espert forensiku l-Ispiżjar Mario Mifsud, il-valur ta’ l-eroina kien ta’ €45,788

(iv) Għalkemm l-appellanti ċaħdet li kienet taf li fil-bagalja kellha d-droga u nsistiet li l-vjaġġ tagħha lejn Malta kien bi skop ta’ prostituzzjoni, huwa evidenti illi l-ġurati ma qisux lill-appellanti kredibbli.

(v) Din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

- Fl-istqarrija tagħha l-appellanti qalet li kienet diġa` ġiet Malta f’okkażjoni oħra, u cioe` fi żmien l-Għid tas-sena ta’ qabel (2008), meta kienet ġiet waħedha biex tirrilassa wara li kienet ġġieldet mal-*partner* tagħha. Qalet li kienet qaltilha biex tiġi hawn ħabiba tagħha li kienet ġiet diġa` u li taf bl-Ingliż. Iżda hi ma kinitx taf bl-Ingliż u meta ġiet l-ewwel darba kienet skopriet li ma setgħetx tikkomunika man-nies. Waqt il-ġuri qalet li ma kienx minnu li kienet ġiet Malta dik id-darba u l-ewwel darba kienet meta nqabdet bid-droga fit-13 ta’ Lulju 2009. Liem’hi l-verita`? Kellha għalfejn tagħti żewġ verżjonijiet fuq ħaġa bħal din? Jekk mhux vera li kienet ġiet Malta darb’oħra, għalfejn qagħdet tivvinta dik l-istorja kollha? Kienet tagħmel xi differenza kieku ma kinitx ġiet darb’oħra? Wara kollox mill-passaport esebit ma jirriżultawx timbri ta’ vjaġġ għal Malta. Jew riedet tgħatti dak li setgħet kienet għamlet qabel? Hija veritjera r-raġuni li tat meta xehdet li tat dik il-verżjoni fl-istqarrija għax kienet “maħsuda”? Għaliex fl-istqarrija tagħha nsistiet tant li kienet diġa` ġiet Malta?

Difatti, meta aktar tard fl-istqarrija ġiet mistoqsija għandhiex *mobile phone*, wieġbet li ħallietu Spanja għax qalulha li l-Olanda ma jaqbadx, u kompliet tgħid illi anke meta kienet ġiet Malta l-ewwel darba ma kinitx ġabitu magħha.

- Meta xehdet qalet illi qatt ma kienet siefret qabel. Mill-passaport tagħha jidher illi siefret lejn ir-Repubblika Dominikana, il-pajjiż ta' twelid tagħha, fi Frar 2007 fejn damet għal ftit aktar minn xahar meta rritornat Madrid. Mill-ġdid, għalfejn din id-diskrepanza?

- Mill-istess stqarrija jirriżulta illi lill-Pulizija kienet qaltilhom li kienet ġiet minn Spanja via Brussel għax il-biljett kien irħas bil-*connecting flight*. Iżda mbagħad qalet li minn Spanja kienet l-ewwel marret l-Olanda fejn sar il-kuntatt man-nies li bagħtuha Malta. Mistoqsija għaliex kienet qed taħbi l-verita` qalet li gidbet għax beżgħet. Gidbet għax beżgħet jew għax riedet tostor il-fatt li kienet marret l-Olanda fejn ingħatat il-bagalja?

- Skond l-appellanti, hija ġiet imħajra tiġi Malta bi skop ta' prostituzzjoni u għax għal kull klijent kienet se ddaħħal €1,000 li minnhom persuna f'Malta kellha tieħu persentaġġ żgħir. X'kien dan il-persentaġġ ma kinitx taf. L-appellanti kienet jew tant *naive* li emmnet din l-offerta, jew ħasbet li l-Pulizija u l-ġurati kienu tant *naive* li se jemmnuha. Il-*buon sens* ċertament jiddetta li mhux kredibbli li persuna taċċetta li tintbagħat għal għonq it-triq f'pajjiż fejn ma tafx il-lingwa biex taqla' dik is-somma li semmiet l-appellanti, u dan ukoll mingħajr ma tkun taf kemm se jibqagħlha minnha.

- Skond ma qalet l-appellanti fl-istqarrija, l-Ekwadorjani fl-Olanda qalulha biex taħdem ta' prostituta f'Malta wara ftit vaganzi f'Malta. Huwa kredibbli illi min ikun ġej għax-xogħol jibda bil-vaganzi, meta hi kellha biljett biex tirritorna fis-26 ta' Lulju 2009 jiġifieri tlettax-il jum biss wara l-wasla tagħha?

- Fl-istqarrija tagħha tgħid li qalulha biex taqbad taxi mill-ajruport għar-Relax Inn imbagħad imur xi ħadd ikellimha. Meta xehdet qalet illi qalulha li kien hemm xi ħadd ħa jistennieha u jwassalha r-Relax Inn. Liem'hi l-verita`? Jekk ta' l-aħħar, u verament l-appellanti ma kellhiex x'taħbi, għalfejn ma qaltilhomx mill-ewwel lill-Pulizija sabiex ikunu jistgħu jirrintraċċaw lil min kien qiegħed jistennieha bl-iskop li jiġi korroborat dak li kienet qed tgħid?

- Il-bagalja li fiha kien hemm id-droga ngħatatilha fl-Olanda. Skond l-appellanti, ingħatatilha mit-tfajliet li kien hemm ma' l-Ekwadorjani, u li tawha wkoll xi ħwejjeġ. Il-bagalja tawhielha vojta. Hi tgħid li ma ħassitx il-piż tagħha stramb. Hawn si tratta ta' bagalja li bl-eroina u bil-pilloli kellha piż miżjud sostanzjali. Il-ġurati probabilment bil-*buon sens* emmnu li persuna għandha tinduna li l-piż ma kienx wieħed normali għat-tip ta' bagalja li kienet.

- Issir referenza hawn ukoll għal mistoqsija li saritilha fl-istqarrija u t-tweġiba li hija tat:

"D. Mela kif se nemmnek li ma kontx taf li l-bagalja fiha d-droga, meta bagħtek xi ħadd biex tikser il-liġi f'Malta, tak bagalja u ma ċċekkjajtx jekk kienx hemm xi ħaġa llegali bil-bagalja li tak ħaddieħor, skond inti?

"R: Jiena fittixt fil-bagalja imma ma sibt xejn ħażin, kienet vojta."

L-appellanti, skond l-istorja tagħha, kienet għadha kemm iltaqgħet ma' l-Ekwadorjani u t-tfajliet u aċċettat mhux biss li tiġi Malta għall-prostituzzjoni iżda saħansitra aċċettat ħwejjeġ u bagalja mingħandhom. Jekk kienet qed tafdahom tant, għalfejn "fittxet" fil-bagalja? Huwa ovvju illi jekk fittxet ma kienet se ssib xejn għax il-bagalja kienet vojta u l-qiegħ falz kien magħmul b'mod professjonali. Mela l-ġurati setgħu kkonkludew li l-appellanti qalet li

“fittxet” unikament biex tipprova ssaħħaħ l-verżjoni tagħha li ma kienet taf b’xejn.

(vi) Evidentement, meħudin in konsiderazzjoni dawn id-diskrepanzi u inverosimiljanzi, il-ġurati ma qisux lill-appellanti bhala persuna *naïve* jew *gullible* daqs kemm forsi xtaqet tpinġi lilha nnifisha, u li għalhekk kienet taf x’kienet qed iġġorr.

(vii) Din il-Qorti tixtieq tosserva wkoll illi fl-esperjenza tagħha, is-somma ta’ €1,000 hija somma li hija normali li titħallas lil min jaġixxi ta’ *courier* biex idaħħal id-droga f’Malta.

(viii) Minn dan kollu huwa evidenti li l-gurati setghu ma jemmnux iċ-ċaħda ta’ l-appellanti u ghalhekk setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu illi l-appellanti kienet taf x’kellha fil-bagalja.

(ix) Kwantu għad-delitt ta’ assoċjazzjoni, skond l-artikolu 22(1A) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-assoċjazzjoni ta’ persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu (1) ta’ l-imsemmi atrtikolu 22 “teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu”. U bħalma ntqal f’**Archbold’s Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**[2]**:**

> **“The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; *R. v. Murphy* (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a ‘matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them’: *R. v. Brisac* (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in *Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317.”**

[2] Para. 33-11, page 2692.

(x) Fil-każ in eżami, ġaladarba l-ġurati raġjonevolment u legalment ikkonkludew li l-appellanti kienet taf x'kellha fil-bagalja, setgħu wkoll raġjonevolment u legalment jikkonkludu li kienet tifforma parti mill-assoċjazzjoni sabiex tiddaħħal id-droga f'Malta, u fil-fatt hija kienet il-mezz ta' kif din twasslet Malta.

(xi) Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel żewġ aggravji huma miċħuda.

**8.** It-tielet aggravju huwa dwar il-piena li l-appellanti tqis li kienet waħda ħarxa. Hija tagħti numru ta' raġunijiet: Kien għad għandha wieħed u għoxrin sena. Illum hija omm ta' żewġ ulied bit-tieni wild tibda titrabba fil-ħabs stess. Sfat użata minn persuni li kellhom skopijiet differenti minn dawk tagħha. L-ewwel Qorti għamlet żball fil-kalkolu tal-piena għaliex ma qisitx il-fattur li d-droga kellha waħda mill-inqas perċentwali ta' purita` li dawn il-qrati qatt irriskontraw. Huwa minnu li l-ewwel Qorti rrimarkat dwar il-kwistjoni ta' purita` baxxa, pero` dan il-fattur ma rriflettiex fis-sentenza mogħtija. L-appellanti tgħid ukoll illi: "huwa rikonoxxut illi llum il-ġurnata l-Qorti Kriminali qed tagħmel eżerċizzju u tikkundanna ħabs skond il-kalkolu tal-piż tad-droga misjuba, pero` jingħad li f'dana l-eżerċizzju l-Qrati għandhom ukoll jieħdu konsiderazzjoni tal-perċentwal tal-purita` tad-droga u mhux biss tal-piż. Illi minn kilo sustanza 19.7% biss kien jikkontjeni s-sustanza kkontrollata taħt il-Kap. 101, meta l-bqija tas-sustanza kien stabbilit li kien konsistenti f'sustanza oħra mhux regolata. Illi għalhekk dan il-fattur ukoll jimmilita favur illi l-esponenti jkollha riduzzjoni fil-piena kif xieraq. Illi mingħajr ma jintrometti fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti l-esponenti tikkontendi li bis-saħħa ta' dan l-aggravju biss il-piena mogħtija f'dan il-każ qatt ma kellha taqbeż l-għaxar snin ta' ħabs effettiv."

**9.** Kif tajjeb osserva l-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu għar-rikors ta' appell, l-ewwel Qorti ħadet konjizzjoni ta' dawn il-punti li ssemmi l-appellanti u li kollha ġew sottomessi għall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti: l-eta` żgħira ta' l-appellanti, iżda li xorta jagħmilha maġġorenni u għalhekk responsabbli għal għemilha; il-fatt li hija omm żewġ ulied u t-tieni wild welditu fil-ħabs, fatturi

dawn li ma jistgħu jkunu ta' ebda influwenza fuq il-piena; il-fatt li sfat użata minn nies bla skrupli; il-purita` baxxa ta' l-eroina. L-aktar li għamlet enfażi l-appellanti huwa fuq il-purita` baxxa ta' l-eroina.

**10.** Hawn din il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Alberto Alessandro Bafumi** mogħtija minn din il-Qorti kif komposta fit-23 ta' Jannar 2014. Il-każ kien jirrigwarda l-assoċjazzjoni, traffikar u pussess ta' kważi kilo kokaina b'purita` ta' 18.76%. L-appellant f'dak il-każ kien argumenta illi kellu jiġi kkunsidrat tnaqqis fil-piena in vista tal-purita` baxxa tal-kokaina. Fis-sentenza tagħha din il-Qorti kienet kkonkludiet hekk:

> **"Fil-każ in eżami l-ammont involut kien ta' kważi kilo ta' purita` ta' 18.76% (u li skond ix-xiehda ta' l-appellant tħallset għaliha s-somma ta' Lm21,340). Huwa minnu li dan kien perċentwal *on the low side*, iżda ma kien ikun hemm xejn x'iżomm lill-akkwirenti milli jagħmlu *cutting* ta' l-ammont minnhom akkwistat. Difatti fl-esperjenza tagħha din il-Qorti għadha ma rriskontratx każijiet fejn traffikanti lokali analiżżaw il-purita` tad-droga qabel ma "kkattjawha" jew qabel ma qasmuha f'dożi. Imbagħad il-bejgħ ta' dożi lil min juża mhuwiex solitament ibbażat fuq il-kriterju tal-purita` iżda dak tal-piż. Għalhekk fil-każ in eżami ma hemmx lok illi tingħata aktar konsiderazzjoni għall-kriterju tal-purita`."**

**11.** Filwaqt illi fil-każ ċitat id-droga nvoluta kienet kokaina, hawn si tratta tad-droga eroina li, pero`, hi wkoll ta' purita` relattivament baxxa (ċirka 19.7%). Il-piż f'dan il-każ huwa wkoll kważi kilo, u speċifikament 995.4 grammi. Skond ir-rapport ta' l-espert forensiku l-Ispiżjar Mario Mifsud, il-prezz bl-imnut ta' l-eroina misjuba – a bażi tar-rapport "2007 National Report to the EMCDDA by the Reitox National Focal Point", kien ta' cirka €45,788. Dak li ntqal fil-bran appena ċitat dwar il-*cutting* japplika wkoll għall-każ odjern.

**12.** Bħall-ewwel Qorti din il-Qorti nnutat ukoll illi l-appellanti ma setgħet tibbenefika minn ebda tnaqqis għal xi ammissjoni jew a tenur ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**13.** Wara li din il-Qorti qieset dan kollu, wara li qieset ukoll li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhux biss hi fil-parametri tal-liġi iżda hi ‘l bogħod minn dik massima stabbilita mil-liġi, u li ġiet imposta mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni tagħha wara li kkunsidrat dak kollu li kien rilevanti, u wara li din il-Qorti għamlet ukoll eżami akkurat ta’ l-atti, ma ssib l-ebda raġuni valida legalment sabiex tvarja minn din il-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll dik pekunjarja.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Sugeidy Margarita Novas Castillo** mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-28 ta’ Settembru 2011 fl-intier, b’dan li l-perijodu għall-ħlas tal-multa u ta’ l-ispejjeż peritali u l-perijodu li l-Avukat Ġenerali għandu sabiex jindika b’nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa in konnessjoni ma’ xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, għandhom jibdew jiddekorru millum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------